# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **33** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 23 ta' April 2012 fis-6.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużata | Is-Sinjura Carmen Fearne |


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**


### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 32.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders u kwotazzjonijiet:
   **KLM 2012/01 –** Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Marsaskala
   **KLM 2012/02 -** Works Tender for the upgrading of promenade in Triq il-Qaliet and the surrounding areas of fort St Thomas in the Locality of Marsaskala ERDF 212 :The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala.
   **MLC 04/2012-** Publication of a Heritage Trail Map as part of the ERDF 212 project - The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala
6. Data għal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 32(1) tal-21 ta' Marzu 2012:**

Il-Kunsilliera is-Sinjura Carmen Fearne kienet skużata milli tattendi peress li kienet ma tiflaħx.

1.1.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li t-tieni paragrafu ta' paġna 3 huwa qasir wisq meta wieħed jikkonsidra li d-diskussjoni kienet twila ħafna speċjalment meta kienet tikkonċerna nuqqasijiet fl-*accounts*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-komunikazzjoni ta' din il-laqgħa ser jiġi diskuss iktar fid-dettal is-suġġett tal-proċess ta' l-*auditing* u kien se jagħti rendikont aġġornat ta' dak li ġara tul dan l-aħħar xahar ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li dawn l-aħħar ġimgħatejn u speċjalment dakinhar stess kien kellem lill-*Accountant* kif ukoll lill-Awditur diversi drabi biex jikkordina x-xogħol u jaċċerta ruħu li din is-sena, il-*financial statements* jiġu sottomessi fil-ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien avża lill-*Accountant* sabiex jirrispondi l-mistoqsijiet kollha li kienu sarulu mill-Awditur tul dawn l-aħħar ġimgħatejn sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 26 t'April 2012.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-*Accountant* kien ħa xi żball fil-*financial statements* u dan ma ġiex imniżżel fil-minuti u fil-fatt kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' telefonata.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-aġġustamenti li saru fil-*financial statements* wara li ġew approvati l-*financial statments* mill-Kunsill ma kienux aċċettati u fil-fatt l-Awdituri talbu lil *Accountant* tal-Kunsill biex jipprovdilhom *data set* li jaqbel mal-*financial statements* li kienu ġew approvati mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*financial statements* aġġustati min-naħa ta' l-*Accountant* ser jiġu diskussi waqt il-komunikazzjoni mis-Sindku ta' din is-seduta. Għaldaqstant l-aġġustamenti se jsiru bħala *audited adjustments* li se jkollhom jiġu approvati waqt seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li jiżdied dan il-paragrafu t'hawn taħt f'paġna 3 artiklu 3.2:

*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi l-Accountant kien għamel aġġustamenti fil-financial statements wara li dawn ġew approvati waqt seduta tal-Kunsill u minflokk surplus, kien ġie preżentat deficit għas-sena 2011 għalkemm dawn l-aġġustamenti ma ġewx approvati mill-Awditur. Il-Kunsilliera preżenti qajmu diversi punti fosthom il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li għanda issir laqgħa b'urġenża sabiex jiġi dikuss u spjegat l-aġġustamenti li kienu saru fil-financial statements u dan għandu jsir fil-preżenża ta' l-Accountant. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-pagamenti ta' l-Accountant għandhom jinżammu sakemm jinħarġu l-financial statements wara l-aġġustamenti ta' l-Awditur. Kien hemm qbil unanimu.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiżdied dan il-paragrafu u għandhom jinżammu l-pagamenti tal-*Accountant* sakemm jsiru l-aġġustamenti tal-*financial statements*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li llum bagħat *email* sabiex issir laqgħa b'urġenza peress li sa nhar l-Erbgħa l-*Accountant* jrid jissottometti l-informazzjoni kollha lill-Awditur u l-Awditur min-naħa tagħha ser tibgħat lista tal-aġġustamenti meħtieġa sabiex sa nhar il-Ġimgħa l-*Accountant* għandu jlesti l-*financial statements* wara l-aġġustamenti proposti mill-Awditur.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nhar is-Sibt 28 ta' April 2012 fis-9.00a.m ser issir l-laqgħa b'urġenza minħabba l-approvazzjoni tal-*financial statements* u dan sabiex sa nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2012 l-informazzjoni tasal għand l-NAO.

1.1.3 Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna nru 7 punt 3.18 ir-raba` paragrafu għandu jinbidel u jinqara hekk:

*Fuq dan l-argument il-Kunsill approva unanimament biex isir dan il-patching, filwaqt li kien hemm qbil unanimu li għal din is-sena l-Kunsill se jkun qed jonfoq iktar milli jdaħħal u se jutilizza mill-fondi riservati li għandu. Il-Kunsill Lokali jrid jagħmel l-almu tiegħu biex il-flus zejda li se jintefqu din is-sena jitpoġġew lura fis-snin ta' wara.*

Il-Kunsill approva unanimament din l-emenda.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati u ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt nru 3.11 ta' paġna 5 jekk kienx hemm xi risposta min-naħa tat-TM.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi bagħtna lit-TM diversi drabi u l-aħjar li nagħmlu huwa li nqabdu l-Perit sabiex jagħmlilna *site plan* u nibgħatuha lit-TM.

Is-Sur John B. Camilleri ssuġġerixxa li Triq is-Sallur u Triq Agatha Barbara jkunu *two way*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nqabdu lill-Perit sabiex jagħmilna s-*site plan*. Il-Perit għandu jivverifika dwar il-possibilta li Triq il-Kavallieri ta' Malta tiġi *one way* għal Triq il-Qaliet filwaqt li Triq il-Granmastri tiġi *one way* għal Triq in-Nadur.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li f'punt nru 3.18 ta' paġna 7, l-istima li kien ta l-Perit kienet ta' €33,319.26 meta fil-fatt ser nonfqu iktar.

Is-Sindku spjega illi meta kien qed isir il-*patching* kien hemm xi ħofor li kienu perikolużi u allura ma kienx jagħmel sens li nħalluhom, b'hekk se jvarja l-prezz minħabba li kien hemm aktar fejn kellu jiġi irranġat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawk il-ħofor li huma perikolużi jiġu rranġati wkoll u għandna niktbu lit-TM u ninfurmawhom bl-ispiża li nefaq l-Kunsill u li l-ħsara f'din it-triq hija iktar minn 75% u li din kienet ġiet mibnija aktar minn 20sena ilu u b'hekk suppost saret minn naħa tat-TM.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mportanti li l-kejl isir sewwa.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lil Kunsilliera illi punt nru 3.17 ta' paġna 7, li l-pannelli ħa jeħlu nofs Mejju.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li t-tieni paragrafu ta' paġna 12 dwar proposta ta' lantern ġodda, huwa kien fehem lill-Kuntrattur li il-prezz kien f'Ewro pero` meta tkellem mal-kuntrattur kien qallu li l-prezz li kien ikkwota għalih kien bil-lira l-antika. Hu kompla jgħid li peress li kienu ser jiġu għoljin anke talab kwotazzjoni fuq LED.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għalissa ma jitwaħħlux dawn il-bozzoz minħabba l-ispejjeż peress li l-prezz kien għoli.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq punt nru 4.3 ta' paġna 8 jekk kellniex risposta rigward il-kontijiet tal-LES.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dawk ma kienux l-ispejjeż kollha imma persentaġġ mill-ispejjeż skond kif kien spjegalu l-uffiċċjal Awtorizzat fejn il-Kunsill għadu jdaħħal flus mil-arretrti u qed iħallas l-ispejjeż tal-proċess ta' l-istess ċitazzjonijiet.

2.6 Is-Sindku qal li fuq paragrafu nru 5 ta' paġna nru 9 kienet saret laqgħa mas-Sur Joe Attard u mas-Sinjura Marcella Aguis tal-Green MT flimkien mal-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett u mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar fejn ġew diskussi l-kontijiet pendenti li għandna għad inridu nirċievu min-naħa tal-Green MT. Kien hemm qbil illi s-somma li għandna nirċievu min-naħa tal-Green MT mill-1 ta' Novembru 2009 sas-sena 2011 tammonta għal €11,100.00. Minflokk il-Green MT ser jgħaddulna l-flus, ser jinxtraw 40 bank magħżul mill-Kunsill u mwaħħal minn kuntrattur magħżul mill-Kunsill sabiex nibdew inbidlu l-bankijiet li hemm madwar il-*promenade*. Kull bank ser jiswa €310.

Apparti dawn il-bankijiet ser jingħataw ukoll tlett *bins tas-seperation* għall-gazzetti u jitpoġġew quddiem tlett *stationeries.* Apparti minn hekk ser jgħaddulna wkoll 50 pakkett tal-boroż il-griżi biex jitqassmu lir-residenti għal ġbir tas-separazzjoni kull nhar ta' Tlieta.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-bankijiet li ser jinqalgħu minn mal-*promenade* ftit minnhom ser jitwaħħlu ħdejn il-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia qal li l-Inspire kienu staqsewh sabiex jekk ikollna xi bankijiet li mhux ser nibqgħu nużawhom huma għandhom bżonn xi bankijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi la naqalgħu dawn il-bankijiet ngħaddu xi ftit minnhom lill-Inspire.

2.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li punt 2.3 ta' paġna 2 rigward il-*bicycle racks*, saret l-ordni tagħhom.

2.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-laqgħa ta' suċċess li kellna ma' l-Enemalta fejn hu qal li bis-saħħa ta' din il-laqgħa ser jirranġaw is-sistema tal-*customer care*. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri li ta rendikont dettaljat tan-nuqqasijiet kollha ta' l-Enemalta li kellhom jiġu indirizzati permezz ta' *power point presentation*.

2.9 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li l-*walking bus* bdiet, huwa kompla jgħid illi t-tabella tal-*walking bus* li hemm ħdejn il-Knisja hemm bżonn li tinqala u teħel ħdejn il-librerija ġewwa l-iskola u dan bil-permess tas-Surmast.

2.10 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ser ssir laqgħa mal-iżviluppaturi tal-proġett Ta' Monita rigward il-kundizzjoni ħażina tat-toroq li jinsabu ma ġenb l-iżvilupp. Is-Sindku rrefera għar-risposta tal-MEPA li kienu infurmaw lill-Kunsill dwar il-*planning gain* kif ukoll il-garanzija bankarja. Kien hemm qbil unanimu mil-Kunsill li jekk it-toroq ma jsirux, il-Kunsill ma jiffirmax biex il-garanzija bankarija fuq dan l-iżvilupp tiġi rilaxxata.

3.0 ***Kommunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Għaqda Maltija tal-Ortikultura (35/1992/12/I):**

Is-Sindku preżenta komunikat rigward wirja annwali bl-isem *The Great Spring Show*, fejn din is-sena stiednu l-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw billi nagħmlu qoffa bi ħxejjex u frott. Din l-attivita` ser ssir nhar is-Sibt 5 u l-Ħadd 6 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma nipparteċipawx peress li hemm ħafna *commitments* oħra.

3.2 **Ktieb – Iva Jien minn Marsaskala:**

Is-Sindku beda jispjega illi dan il-ktieb ma stajniex nkomplu bil-proċess tiegħu minħabba li konna rċivejna *email* mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud. Huwa kompla jispjega illi xi erba` snin ilu hu kien iltaqa` ma' Dr. Xerri meta kienu sejrin Spanja u bdew jitkellmu fuq dan il-ktieb. Xi erba` xhur ilu Dr. Xerri kien talbu introduzzjoni u hu għamel dan bħal ma jagħmel lill kull minn jitolbu sabiex jikteb diskors. Is-Sindku kompla jispjega illi li ġara kien li Dr. Xerri forsi ma kienx jaf li l-Kunsill kollhu kien involut fil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb u għaldaqstant għandu jirringrazzja l-Kunsill kollu. Iżda tajjeb jirringrazzja lis-Sotto kumitat tal-Wirt Storiku.

Il-Viċi Sindku qal li dan huwa *text book* għat-tfal ta' l-iskola u qal li d-daħla hija twila ħafna u s-CV ta' Dr. Xerri għandha tiġi fuq wara u s-soltu issir introduzzjoni fuq quddiem. Huwa kompla jgħid li dan għandu jsir f'isem il-Kunsill kollu u mhux xi ndividwi jew Kunsilliera partikolari.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li n-nies li semma Dr. Xerri f'dan il-ktieb, kienu nies li ħadmu fuq dan il-ktieb u li jiffurmaw parti minn Sotto Kumitat.

Huwa kompla jgħid li dawn il-membri kienu iltaqgħu diversi drabi sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dan il-ktieb għandu joħroġ bħala Kunsill kollu u mhux bir-ritratt ta' ħadd ħlief tal-kittieb. Huwa kompla jgħid li għandu jitneħħa r-ritratt tas-Sindku u jitħalla r-*write up* biss.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li fl-opinjoni tiegħu ma tagħmlix differenza li jiġi ppublikat bir-ritratt jew bla ritratt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona li la darba dan il-ktieb se jitqassam fil-klassijiet u ser jitħallas mill-Kunsill, allura r-ritratt tas-Sindku għandu jitneħħa.

Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud issekondah.

Is-Sindku qal li f'dan il-każ tajjeb li wieħed jieħu vot għax ma jistax jifhem ir-raġuni għaliex il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irid li jitneħħa r-ritratt.

**Votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar | FAVUR |
| Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud | FAVUR |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | KONTRA |
| Il-Kunsillier is-Sur Sandtro Gatt | KONTRA |
| Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett | KONTRA |
| Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri | KONTRA |
| Il-Sindku s-Sur Mario Calleja | KONTRA |
| Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia | KONTRA |

Din il-votazzjoni ġiet Tnejn (2) KONTRA u Sitta (6) FAVUR u għaldaqstant din il-mozzjoni m' għaddietx.

Għaldaqstant ir-ritratt għandu jibqa` f'dan il-ktieb u għandu jiġi rringrazzjat il-Kunsill kollu.

3.3 **Empower 2011/2012 – Aġenzija Żgħażagħ (35/1933/12/I):**

Is-Sindku preżenta komunikat li ser jiġi provdut taħriġ minn Aġenzija Żgħażagħ konġunt mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li prova kemm il-darba jikkomunika mal-*Marsaskala Teenage Group* sabiex jistaqsihom jekk hux interessati li jieħdu sehem f'dan it-taħriġ, pero` ma setax jagħmel kuntatt magħhom.

Kien hemm qbil unanimu illi wara li sar l-almu tagħna ma sibniex nies sabiex jipparteċipaw u għaldaqstant ma nistgħux nieħdu sehem għal dan it-taħriġ.

3.4 **Water Mains at Triq La Sengle Marsaskala – LA DO 129/12 ( 35/1974/12/I:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera bil-komunikazzjoni min-naħa tal-WSC, fejn qalulna li jekk ser nagħmlu xi *resurfacing* fi Triq La Sengle minn Triq il-Knisja sa Triq il-Bużbież, infurmawna illi l-*mains* tal-ilma tar-residenti għadhom antiki u tawna stima jekk nkunu ser nbidluhom. Skond il-korrispondenza aħna nħallsu lill-kuntrattur dirett s-somma ta' €1,008.46 u l-kuntrattur jitħallas dirett min-naħa tal-WSC is-somma ta' €4,442.20 biex ikunu jistgħu jinbidlu l-house connections fil-parti ta' Tria La Sengle imsemmija.

Is-Sindku qal li aħna mhux ħa nagħmlu *resurfacing* imma *major patching* u għaldaqstant mhux ser nagħmlu scaryfying tal-wiesa tat-triq kollha u allura mhux se jkun hemm bżonn li jinbidlu l-mejns u l-*house connections*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li rridu naraw li s-sodda ta' din it-triq hija soda biżżejjed u mhux jispiċċa li wara li jsir il-*patching* jinżel.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fejn hemm il-ħofor għandhom isiru ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li għandna niċċaraw mal-kuntrattur li jekk waqt li jkunu qed jagħmlu l-*iscarifying* jolqtu xi *house connection* għandha tissewwa mill-ewwel għas-spejjeż tal-kuntrattur u qabel ma jingħata l-*patching*.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu stima lill-Perit sabiex isir ftit *scarifying* u jingħata t-tarmak fi Triq la Sengle minn Triq il-Knisja sa Triq il-Bużbież.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsill illi hemm biċċa li kienet saret bil-*patching* fi Triq il-Gemmugħa li ma saritx tajba u l-kuntrattur għandu jerġa jaqlagħha u jagħmilha mill-ġdid.

Is-Sindku wieġbu illi hu kien diġa nforma lill-kuntrattur u din għandha terġa ssir.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li partijiet tat-tarmak fi Triq Sant'Anna huwa ħazin, huwa kompla jgħid li din ilha xi sentejn li saret u suppost il-kuntrattur tagħna garanzija ta' ħames snin.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi meta t-triq jsirilha ftit *scarifying hot asphalt laying* kif ġara fil-każ ta' Triq Sant'Anna il-kuntrattur ma jgħatix garanzija. Dan kien ġie spjegat lilhom meta kienu qedgħin jiltaqaw ma uffiċċjali ta' TM meta kien hemm kwistjoni dwar il-ħlas tal-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandna ngħidu il-Perit jtina stima sabiex nirranġaw madwar il-*manholes* u ftit il-fuq mil-bankina tal-lottu.

3.5 **<u>Tnaqqis mill-Allokazzjoni (35/1854/12/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi rċivejna ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmawna li naqqsulna madwar €4000 rigward il-*fixed assests register*. Is-Segretarju Eżekuttivqal li din kienet sitwazzjoni li xorta konna ser neħlu l-penali għaliex xorta konna qed niġu pressati sabiex nissottomettu l-*fixed assets register*. Huwa kompla jgħid li l-iktar li kellhom jaqtawlna kien xi €2000. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta li kien bagħat.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera li fuq l-penali ta' €6000 għad qed jiddiskuti mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.6 **<u>Rapport tal-Puluzija li ntbagħat mingħand is-Sur Sandro Fiteni rigward il-klejm tiegħu li kienet għaddiet fis-seduta preċedenti.</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi ngħaddulu l-ħlas ta' €60 minħabba li kien ossottometta r-rapport neċċesarju skond kif kien approva l-Kunsill fis-seduta preċedenti.

3.7 **<u>Infromazzjoni dwar proċedura ġdida ta' Green Public Procurement:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera rigward il-proċedura l-ġdida tat-*tender* skond il-*green public procurement*.

3.8 **<u>Ittra mingħand l-Accountant tal-Kunsill dwar tibdil fil-VAT number u l-isem tal-kumpanija:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi wara li kien ikkomunika mal-Awdituri fejn kienu kitbulu li meta jkun hemm *partnership* jista` jkun hemm tibdil tan-numru tal-VAT u għaldaqstant il-ħlas lill-Accountant jista jsir fuq l-isem u n-numru tal-VAT il-ġdid.

3.9 **<u>Stima mingħand l-ELC għal xogħol fi Traffic Island wara li sar riveżjoni fil-prezz.</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għalkemm din l-istima kienet ta' €2957.38, huwa qiegħed f'arraġamenti illi dan ix-xogħol jsir għal prezz ta €916.00. Dan it-tisbieħ ser jir fit-*traffic island* li tagħti minn Triq La Sengle għal Triq San Gwakkin.

Kien hemm qbil unanimu illi dan it-tisbieħ isir għal prezz ta' €916.00

3.10 **Proposti minn Transport Malta fuq rottot eżistenti għat-trasport pubbliku u rottot ġodda.**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi wara laqgħa li saret fit-2 ta' April 2012 ġew preżentati dawn ir-rottot ġodda.

- Rotta 91 ser tkun modifikata sabiex tinkludi Triq il-Qaliet, San Tumas, u l-venda l-antika. Il-frekwenza ta' din ir-rotta ser tkun kull 15-il minuta.
- Rotta 92 ser tkun modifikata u ser tibda tgħaddi mill-By Pass ta' Marsaskala, ż-Żonqor u l-venda l-antika. Il-frekwenza ta' din ir-rotta ser tkun ta' kull 60 minuta.
- Rotta X5 ser tkun qed tagħmel l-istess rotta li qed tagħmel bħalissa bi frekwenza ta' kull siegħa.
- Rotta 124 ser tkun modifikata sabiex tibda tgħaddi mit-Triq ta' Wied il-Għajn (l-antika).

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna niktbu lit-TM għall-imġieba tax-xufiera għax qed isuqu perikoluż u ma jċedu lill-ħadd.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lit-TM u nifurmawhom bl-aġir ta' ċertu xufiera.

3.11 **Hlasijiet tal-Pageant:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi għalkemm il-*pageant* tal-ġimgħa l-kbira kienet tħassret minħabba il-maltemp kien hemm xi pagament tax-xogħol li xorta kienu għamlu l-kuntratturi.

Il-Kunsill qabel li jħallas dawn il-kontijiet kif ukoll il-kontijiet l-oħra li għad irridu nirċievu:

Asound għal kiri ta' PA System li jammonta għal €500.00
Nexos Lighting Technology għal kiri ta' dawl li jammonta għal €590.00
Parish Priest għal avviz fuq il-fuljett Flimkien li jammonta għal €20.00

Il-Kunsill qabel ukoll li l-pagament tal-F*und Raising Marsaskala* għal ħobż u l-inbid li jammonta għal €158 jinżamm pendenti għaliex ma rċevjniex l-inbid lura.

3.12 **Marsaskala Booklet ta' Elisabeth Cassar:**

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna noħorġu kwotazzjoni għal dan il-*booklet*.

➢ Il-Kunsill qabel unanimament illi peress li t-*tender* tal-*magazine* tal-Kunsill ser jagħlaq din is-sena nġedduh sat-tmiem ta' din il-leġislatura u mhux noħorġu *tender* ieħor.

3.13 **Korrispondenza li rċivejna mill-MEPA dwar fondi tal-UIF u garanzija bankarja li l-iżviluppaturi tal-kumpless ta' Monita` għandhom:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li Triq l-Għawwiema spiċċat u biċċa min Triq il-Bajja mhijiex inkluża u anke t-triq ta' maġenb l-iskola ma semmitiex fil-lista li ntbagħtet lill-kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li parti minn Triq iż-Żonqor ukoll spiċċat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħmlu laqgħa mal-iżvilluppatur tal-kumpless ta' Monita`.

3.14 **Informazzjoni mill-MEPA rigward l-appell numru 05/06 PA00005/06 Development of Aquacultre southest of Malta:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi din ġiet diferita għad-deċiżjoni għas-27 ta' Settembru 2012 fil-11.00a.m fl-Bord ta' l-appell il-MEPA.

3.15 **Dwar informazzjoni mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali lill-Kunsilli kollha dwar kuntratti mġedda:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera li l-NAO kienu bagħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli jibagħtu r-risposti tagħhom fuq dawk it-*tenders* li kienu għalqu u ġew mġedda. Huwa

kompla jgħid li fil-każ tal-Kunsill tagħna kellna żewġ *tender* li kienu ġew mġedda, wieħed tal-latrini pubbliċi li fil-fatt ħareġ *tender* ieħor issa u l-ieħor tal-kiri tal-post li jintuża bħala uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna nridu niddeċiedu ser nagħmlu jekk hux ħa nibdlu jew nixtru xi post. Huwa ssuġġerixxa li peress li l-valur tal-bini bħalissa jinsab baxx nikkunidraw l-possibilta` li nixtru xi żewġ flats.

Is-Sindku wieġbu li biex tixtri trid issib xi mkien ċentrali u peress li issa l-leġislatura waslet li tittermina jkun aktar għaqli nikkunsidraw li nibnu il-bini tal-Kunsill fil-leġislatura l-ġdida.

Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu l-Perit jiċċekja kemm fadallu żmien il-permess tal-MEPA fuq dan il-bini ħalli filkas il-permess jiġi mġedded.

Is-Segretarju qal li rċivejna l-kuntratt għat-tiġdid tal-kiri tal-post tal-uffiċċju tal-Kunsill għal-sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġeddu l-kuntratt tal-kiri ta' post li għandna preżenti għal sena oħra.

3.16 **Captain Philips Filming activity for St.Thomas Bay (35/2221/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward il-*filming* li ser jsir f'Mejju ġewwa il-Bajja San Tumas u li se tinvolvi ċertu xogħol.

Is-Sindku qal li għada għandu appuntament mas-Sur Mark Sansone sabiex jiġi diskuss aħjar x'tip ta' xogħol jinvolvi u xi spejjeż hemm.

Kien hemm qbil li nippruvaw ngħidu lis-Sur Sansone biex jgħatina s-somma ta' €10,000.00 u l-Kunsill jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji fejn dawn il-fondi jintefqu fil-Bajja ta' San Tumas .

3.17 **Audit 2011 (35/1617/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Awditur skond l-email mibgħuta kienet wieġbet li l-*financial statements* aġġornati ma setgħux jiġi approvati mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid li l-*Accountant* kien bagħat il-*financial statements* aġġornati dirett lill-Awditur u ikkopja lill-Kunsill mingħajr spjegazzjoni fuq id-*deficit* ta' €50,000.

3.18 **Part Payment fuq ix-xogħol tal-patching (35/2329/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Sur Ian Farrugia ta' Polidano Brothers qiegħed jitlob *part payment* għax-xogħol tal-*patching* li sar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux approvat mill-Perit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel jiġi ċċertifikat xi xogħol mill-Perit imbgħad joħroġ *part payment.*

3.19 **Proġett Gal Xlokk:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-ftehim li kien ġie iffirmat mal-Gal Xlokk kien li qabel ma nibdew ix-xogħol kienu ser jgħaddulna is-somma ta' €146,000.00, pero` issa bagħtulna *email* fejn qed jgħidulna li l-pagamenti ser isiru wara li jitlesta l-proġett.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 **Pagament Nru #1387 u #1388:**

Il-Kunsilli qabel unanimament illi dawk il-pagamenti jinżammu sakemm isiru l-aġġustamenti neċessarji.

Il-Kunsill approva l-pagamenti l-oħra kollha.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mill-laqgħa fis-9.30p.m***

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet:***

5.1 **KLM 2012-01 - Cleaning and Maintenance of Public Convenience in Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Cleansing and Maitenance Dep | €58,811.00 |
| 2. | Stephen Ellul | €38,896.80 |
| 3. | Nicholina Cassar | €59,880.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kellna ibbaġitjat €13,000.00 għax ma konniex għadna nafu li ridna noħorġu t-*tender* tal-latrini u aħna fit-*tender* konna tajnijhom *guideline* ta' €25,000.00.

Huwa kompla jispjega li jekk nagħżlu l-orħos wieħed irridu naraw min fejn ser jitnaqqsu l-fondi sabiex inġibu d-differenza meta tikkunsidra li dan it-*tender* huwa fuq bażi ta' tlett snin, jew inkella għandu jinħareġ *tender* ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li m' għandiex żmien sabiex noħorġu *tender* oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ssuġġerixxa li naqqsu ġurnata mil-ġbir ta' l-iskart matul ix-Xitwa sabiex id-differenza nużawha fuq il-latrini.

Il-Kunsilliera preżenti ma qablux li naqqsu ġurnata mill-ġbir ta' l-iskart.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil *Cleansing Department* sabiex jibqgħu bil-kuntratt magħna sas-Sajf u nħalsuhom ta' l-*overtime* u sadanittant nilħqu noħorġu *tender* oħra u nnaqqsu s-siegħat u l-frekwenza tat-tindif tal-latrini.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issuġerixxa li dawk il-persuni li ġabru t-*tender* għandhom jiġbru it-*tender* l-ġdida li ser toħroġ bla ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħareġ mill-laqgħa fl-10.08p.m***

5.2 **KLM 2012/02 - Works Tender for the upgrding of promenade in Triq il-Qaliet and the surrounding areas of Fort St.Thomas in the locality of Marsaskala – ERDF 212: The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-minuti tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni. Huwa spjega li għalkemm kien iltaqa` mat-tlett kuntratturi sabiex jispjegalhom in-*negotiated procedure* u n-nuqqasijiet li kienu għamlu fis-sejħa preċedenti xorta reġgħu tefgħu l-offerti tagħhom b'tali mod li l-bord kellu jibgħat għal kjarifiċi. Huwa kompla jispjega illi tnejn mill-offerenti tawna s-*samples* kif kien mitlub mil-bord u

wara li l-bord analizza t-*tender* u l-kjarifiċi qiegħed jirrakomda lil *L&S Technical Company Ltd.*

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni u għaldaqstant qiegħed jagħti r-rakkomandazzjoni finali lil *L&S Technical Consulting Ltd* sabiex jintgħażel għal din il-works *tender*.

5.3 ***MLC 04/2012 – Quotation for the publication of a Heritage Trail Map as aprt of the ERDF 212: The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala:***

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Gutenberg | Option 1 €1,260.00 |
| | | Option 2 €1,417.80 |
| | | Option 3 €1,315.00 |
| | | Option 4 €1,365.00 |

Il-Kunsill innota li għal din is-sejħa kien hemm offerent wieħed.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-erba` opzjonijiet li dan l-offerent issottometta l-orħos waħda hija tajba għaliex hija skond ir-rekwiżiti kollha li aħna tlabna f'din il-kwotazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħżlu l-option 1 għax hija l-orħos offerta li hija *technically compliant* mar-rekwiżiti li kien hemm stipolat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjoni.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#325 – 24/3/12):**

*"Jipproponi sabiex issir belishia crossing fi Triq Sant'Anna ftit il-fuq mill-banka tal-lottu minħabba l-periklu li jsibu r-residenti sabiex jaqsmu minn din it-triq."*

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw lit-TM u nissuġġerixxu li ssir viċin Micheal's Butcher.

8.2 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#326 – 28/3/12):**

*"Jipproponi sabiex jinbiddlu l-kurduni tat-traffic islands u r-roundabout li hemm fil-Pjazza Dun Tarcis Aguis."*

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbu lill-kuntrattur tagħna Karmig Ltd.

8.3 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#327 – 12/4/12):**

*"Jipproponi biex il-laqgħat tal-Kunsill minkejja 'l fatt li membri tal-pubbliku huma dejjem mistiedna li jattendu għalihom tibda issa tkun on line 'Live streaming' biex b'hekk dawk interessati jkunu jistgħu jsegwu il-laqgħa mill-kumdita` ta darhom".*

Il-Kunsill qabel unanimament u għandna nġibu stima.

8.4 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#328 – 12/4/12):**

*"Jipproponi biex mill-aktar fis possibli u dan wara li jitlesta l-paviment tal-bandli Mifsud Bonnici jibda mmedjatament ix-xogħol fuq il-bankini ta' Triq il-Gross kollha u dawn jitħallsu mill-fondi li l-Kunsill rebaħ mill-iskema tal-aċċesibilta` aħjar u li kienu jammontaw għall-€8200".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#329 – 12/4/12):**

*"Jipproponi biex jinħatru tlett membri mill-pubbliku u li jkunu ta' fiduċja mill-membri tal-Kunsill kollu biex ikunu jagħmlu parti mill-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti. Kull meta ser ikun hemm proċess ta' għażla għal xi sejħa għall-offerti wieħed jew tnejn minn dawk magħżula (dejjem skond il-ħtieġa) jkun jagħmel parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni. Dan ikun jista` anke jieħu parti attiva` fid-diskussjoni. L-istess persuna trid anke tkun preżenti waqt il-ftuħ tal-istess 'tenders'. B'hekk ir-residenti jkunu iżjed moħhom mistrieħ li dik is-sejħa għall-offerti tiġi proċessata bl-aktar mod trasparenti".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ssekonda din il-mozzjoni għaliex fl-laqgħa li kienet saret fit-3 ta' Marzu 2010 hu kien għadda mozzjoni simili pero` ma kienetx għaddiet.

8.6 **Mozzjoni mressaq mil-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#330 – 13/4/12):**

*"Jipproponi sabiex fl-ispazji pubbliċi ewlenin fil-lokal ta' Marsaskala ikollhom servizz ta' Wi-Fi internet bla ħlas . Dawn huma Ġnien Sant'Anna ,Ġnien Charles Clews, Ġnien Antoine Randich, Ġnien David Vella u post ta' rikrejazzjoni ż-Żonqor ".*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kellem ma uffiċċjal ta' MCA u qallu li bħal ta' Pjazza Mifsud Bonnici tiswina €900 fis-sena u f'ġonnon oħra li ma jkunux daqshekk frekwenti tiswina €120 fis-sena. Dan peress li l-kontijiet għas-servizz ta' kull xahar jitħallsu mil-MCA u imbagħad jibagħtu kont annwali lil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li nkellmu lill Vodafone forsi jagħtuna prezz aħjar peress li naħdmu ħafna magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.7 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#331 – 13/04/12):**

*"Jipproponi li peress li ħafna żgħażagħ skalin ilhom jitolbu biex ikollna mini skate park, in-naħa t` isfel fuq il-pjanta tal-`out door gym`. Jinbidel l-equipment suġġerit u jinxtara ieħor relatat ma` `skate park`".*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li mportanti li jkun hemm kontroll sabiex ma jkisrux l-apparat li ser jiġi nstallat fl-*outdoor gym* bl-*iskateboards*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.8 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#332 – 20/4/12):**

*"Jipproponi li waqt li qiegħdin nagħmlu x-xogħol fil-Bandli Mifsud Bonniċi ninstallaw sistema li permezz tagħha nkunu nistgħu nipprovdu 3 phase supply fil-bandli kif ukoll tnejn oħra fuq il-promenade, dan biex ma noqgħodux nġibu supply temporarja kull meta jkollna xi attivita` tal-Kunsill".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-mozzjoni tiġi diskussa fl'laqgħa oħra fil-preżenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

8.9 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#333 – 21/4/12):**

*"Jipproponi sabiex meta individwu jgħamel rapport il-Kunsill li jkun ġarrab xi ħsarat fil-vettura tiegħu fit-toroq fil-konfini ta' Marsaskala jinħatar espert tat-traffiku biex janalliża l-każ u jesebixxi rapport il-Kunsill biex tkun tista tittieħed deċiżjoni, l-ħlas ta' dan ir-rapport ma jaqbiżx l-ammot ta' 23euro".*

Il-Kunsill qabel unanimament u ġie ssuġġeriet Ex Surġent tat-traffiku.

8.10 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#334 – 21/4/12):**

*"Jipproponi illi tinbena round about id-Daħla San Tumas k/m Triq ta' Rumi biex b'hekk jevita nċidenti minn vetturi illi jinstaqu b'veloċita` kbira min naħa taż-Żejtun għall-San Tumas".*

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lit-TM

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.45p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku